MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 266/2007

**Il-Pulizija**
**(Surg. Maggur S. Garcia)**
**Vs**

**Paul Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta’ Frar, 2004, u qabel din id-data naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddem mieghu lil Dimitrov Gencho u dan ai termini ta’ l-Att XXVIII tal-1990, Art. [Recte: Reg.] 3(a) 4, 7 u 10 tal-A.L. 110/93.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli [Recte : Regolamenti] 3 (a), 4 u 10 tal-A.L. 110/93, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu multa ta’ hamsin lira Maltin (LM50).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe' li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-appellant kien inkariga b' xoghol bi hlas lil Dimitrov Gencho. Fejn il-prosekuzzjoni ma tressaqx provi diretti w tistrieh minnflok fuq provi sekondarji jew indizjarji, l-Qorti ghandha oneru akbar li tassikura ruha li dawk il-provi indizjarji jippuntaw biss lejn it-tezi tal-prosekuzzjoni w dan minghajr ebda dubju dettat mitr-raguni. F' dal-kaz il-Prosekuzzjoni naqset li ggib l-icken prova ta' ftehim ta' xoghol bejn l-appellant u Dimitrov Gencho. Lanqas ma ngiebet l-icken prova ta' xi kuntatt bejnithom. Tant li l-appellant xehed li ma jafx min hi din il-persuna w li qatt ma kellu persuna impjegata mieghu b' dak l-isem. Il-prosekuzzjoni lanqas kienet f'pozizzjoni li tipprova b' certezza l-identita' tal-persuna indikata mill-ispetturi tal-ETC.
Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzzjoni minghajr dubju ragjonevoli li l-appellant kien effettivament impjega mieghu lil Dimitrov Gencho bi ksur tar-regolament 3(a) tal-Avviz Legali 110/1993 u ghalkhekk kellha tllibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Regghet semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenzi tas-27 ta' Settembru u tat-18 t' Ottubru, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi li tressqu quddiem din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-

**TONY MUSCAT**, Head of Section tal-Law Compliance tal-ETC, xehed li kien qed jikkonferma d-dokument minnu esebit u cioe' l-*employment history* tal-appellant li minnu jidher li l-appellant kien il-persuna *self employed* inkarigat mill-azjenda. (Hawn id-difiza vverbalizzat li mhux kontestat li Gencho ma jidhirx fil-lista tal-impjegati li kien issottometta l-istess appellant.)

**JOHN CALLEJA**, spettur mall-korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC), xehed li fis-6 ta' Frar, 2004, hu w kollega tieghu John Cortis kienu ghamlu spezzjoni fl-istabiliment ta' Rose Enterprises, go Triq in-Nassab, Hal Qormi. Hemm kienu sabu zewg persuni wahedhom jahdmu fuq "*frames"* tal-injam. Wiehed minnhom kien qalilhom li kien Pietro Cassaro, Taljan joqghod tas-Sliema, b' karta tal-identita' numru 20010A u l-iehor, mill-ftit
dettalji li setghu jiehdu, peress li kellhom naqra diffikulta' minnhabba l-lingwa, kien qalilhom li jismu Dimitrov Gencho, Bulgaru, mwieled fil-1965 u joqghod tas-Sliema. Cassaro kien qalilhom li kien ilu jahdem hemm tlitt snin bhala *full-time frame maker*. Il-Bulgaru ma qalx kemm kien ilu jahdem hemm ghax kien difficli hafna li jikkomunikaw mieghu. Peress li kien hemm barrani involut, hu w l-kollega tieghu marru l-ghassa ta' Hal Qormi ghall-assistenza. Il-Pulizija kienu marru fuq il-post fejn kienu indikawlhom, pero' meta gew lura l-ghassa, qalulhom li lil Bulgaru ma sabuhx hemm. Sadattant, sakemm kienu qed jistennew l-ghassa, kien wasal hemm l-appellant li qal li hu kien il-proprjetarju ta' Rose Enterprises. Meta qalulu biex jirregolarizza l-pozizzjoni tal-persuni li kienu sabu fuq il-post, l-appellant qalilhom li ma kienx jaf bihom dawn.

Meta marru l-ufficcju taghhom u vverifikaw mad-data base tal-ETC, sabu li Pietro Cassara kien registrat regolarment ma Rose Enterprises Limited u li Dimitrov Gencho ma setax jigi rintraccjat.

In kontroezami dax-xhud ma setax jghid jekk meta kellem lill-appellant fl-ghassa ta' Hal Qormi, u dan qalilhom li ma kienx jaf b' dawn in-nies, kienux qed jitkellmu fuq it-tnejn jew fuq il-Bulgaru biss. Pero' fuq ir-rapport li kiteb il-

kollega tieghu hekk hemm li fuq it-tnejn qal li ma jafx bihom. Mistoqsi x' kien qed jaghmel il-Bulgaru qal li kien hemm bicciet tal-injam,
xoghol kif isir il-frame making *"ma nafx jien."* u zied jghid : *"ezattament ma niftakarx ezatt x' inhu ghax ma nafx x' inhi s-sengha ta' dak ix-xoghol jiena."* Pero kien qed jaghmel xi haga attiva, imidd idejh ghax-xoghol. Ma rax dokumenti ta' dan ir-ragel ghalkemm jitolbuhomlu dawn u kellimhom b' Ingliz difficli. Ghalhekk marru l-ghassa biex il-Pulizija jaraw isibuhx u jiehdulu d-dettalji w jghadduh lil Pulizija tal-Immigration. Huma ma ghandhomx poteri li jarrestaw u jridu jmorru ghand il-Pulizija f' kazijiet bhal dawn. Qabel kien ikollhom il-Pulizija maghhom. Ma jiftakarx ezatt x' kien xehed fl-awla w kien qed jixhed skond dak li kellu miktub fir-rapport.

**JOSEPH CORTIS**, ex-spettur tal-ETC u llum pensjonant, xehed li ma jiftakar xejn ghax ma baghtulux ir-rapport.

**L-APPELLANT**, minn jeddu xehed li ma jafx min hu Dimitrov Gencho w li qatt ma kellu persuna b' dak l-isem impjegata mieghu. Ma kellux Bulgaru impjegat mieghu lanqas. Meta baghtu ghalih il-Pulizija u staqsewh jekk kellux Taljan hu kien qalilhom mill-ewwel li dan kien ir-ragel tat-tifla tieghu. Dan kien registrat normali. Ma staqsewhx dwar xi Bulgaru. Staqsewh jekk kellux lil xi haddiehor u kien wiegibhom li le u li kull ma kellu kien ir-ragel ta' bintu Pietro (Cassaro).

In konto-ezami qal li huwa, fost xoghol iehor, jaghmel xoghol ta' *frames* li jimmanifatturhom hu. Fuq dax-xoghol ghandu lil Pietro w iehor *part-timer* certu Albert Glyn li huwa Malti.
Dawn jahdmu go *workshop* li hemm max-*showroom*. Mistoqsi jekk waqt ix-xoghol jippermettix nies ohra fuq il-post li m'humiex impjegati tieghu, wiegeb : *"Jiena dana jigu hafna klienti jigifieri ma nistax ma jidhlux nies."*

Ikkonsidrat;

Illi skond ir-Regolamenti 3(a) tal-Avviz Legali 110/1993, kull principal li jimpjega xi persuna ohra whole time, part

time jew xort' ohra b' kuntratt defenit jew indefenit jew bi prova, ghandu jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b' dak l-impieg u r-Regolament 4 tal-istess Avviz Legali jiddisponi li tali notifika ghandha ssir mhux aktar tard mill-gurnata li fiha jibda' l-impieg u fuq l-formola tal-ingagg specifikata fl-istess Avviz Legali. Ir-Regolament 10 umbaghad jipprovdi ghall-holqien tar-reat fir-rigward ta' kull persuna li tikser ir-regolamenti 3, 4, 8 u 9 u jipprovdi ghall-piena pekunjarja relattiva w s-sospensjoni tal-licenzji kummercjali li jkunu mizmuma mill-hati, meta din tigi mitluba mill-Prosekuzzjoni.

Illi l-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni f' dan il-kaz hija li meta, fis-6 ta' Frar, 2004, John Calleja, Spettur tal-ETC, mar fil-*workshop* tal-appellant akkompanjat mill-ex-spettur tal-ETC,  illum pensjonant, John Cortis (li ma ftakar assolutament xejn) sab zewg persuni qed jahdmu attivament jaghmlu il-*frames*. Wiehed minn dawn irrizulta li kien Pietro Cassaro, ir-ragel ta' bint l-appellant li kien debitament registrat mal-ETC bhala impjegat f' dik l-azjenda, u l-iehor strangier li, b' Ingliz difficli, qal lil Calleja li kien Bulgaru, mwieled fil-1965 u residenti Sliema. Dettalji ohra ma setghux jiksbu w ma kellux dokumenti. Sakemm marru ghall-asistenza
tal-Pulizija w dawn marru fuq il-post, dan l-istrangier ma sabuhx fuq il-post.

Din il-Qorti hija sodisfatta li bhala fatt kien hemm persuna strangiera li effettivament kienet qed tahdem fuq il-*frame making* fil-workshop tas-socjeta' tal-appellant. Dan johrog mid-depozizzjoni ta' John Calleja li ma gietx kontradetta jew meruta minn hadd. Lanqas ma gie prodott Pietro Cassaro li seta' b' xi mod imeri lil Calleja jew jikkwalifika jew jispjega l-prezenza ta' dan l-istrangier fuq post tax-xoghol, jekk ma kienx qed jahdem hemm gew.

Jekk pero' dan l-istrangier li, *a tempo vergine*, kien qal li jismu Dimitrov Gencho, kienx verament jismu hekk u jekk fil-fatt kienx gie impjegat mis-socjeta' Rose Enterprises Limited ma jirrizultax pruvat sal-grad tac-certezza morali. L-appellant fix-xiehda tieghu jichad kategorikament li kien jaf lil din il-persuna w jghid u li qatt ma kellu persuna b'

dak l-isem impjegata mas-socjeta' tieghu w li ma kellux Bulgari impjegati mieghu. Ghalkemm ic-cirkostanzi jiggeneraw suspett qawwi li din il-persuna kienet qed tahdem hemm ghax kienet impjegata biex taghmel hekk, mhux eskluz li din il-persuna kienet hemm jew ghax giet imqabbda minn Pietro Cassaro biex tghinu bi jew bla qliegh, jew inkella ghax kellha xi hbiberija jew xi relazzjoni ohra ma Cassaro innifsu w dan ad insaputa tal-appellant.

Din is-sitwazzjoni nholqot ghax fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni ma hassitx li kellha tipproduci lil Cassaro w lill-imsemmi Dimitrov Gencho bhala xhieda - ghalkemm dan tal-ahhar kien indikat bhala xhud mill-Pulizija - w fit-tieni lok minnhabba s-sistema ezistenti li, meta spetturi tal-ETC jaghmlu spezzjonijiet, ma jkunux assistiti minn ufficjal jew ufficjali tal-Pulizija, li jkollhom il-poter tal-arrest jew ghall-inqas li jwaqqfu persuna sakemm ikunu jistghu jigu stabbiliti b' certezza il-generalita' taghha, specjalment fejn si tratta ta' persuni strangieri li ma jkunux facilment identifikabbli w rintraccjabbli. Jirrizulta mix-xiehda ta' Calleja li f' xi zmien l-ispetturi tal-ETC kienu jkunu akkumpanjati mill-Pulizija meta jkunu qed jaghmlu *inspections*, imma li din il-procedura ghal xi raguni - probabbilment minhabba nuqqas ta' rizorsi umani – twaqqfet. Facilment allura jigri li sakemm tintalab l-assistenza w l-prezenza tal-Pulizija, l-ghasfur jilhaq itir u l-investigazzjoni tibqa' wahda monka, kif gara f' dan il-kaz.

Sakemm l-ispetturi tal-ETC ma jinghatawx il-poter li jiddetjenu fuq il-post - al menu sakemm tasal il-Pulizija - persuni li jkunu qed jahdmu rregolarment, ma jkun hemm xejn li jzomm lil dawn it-talin (specjalment jekk ikunu barranin) li jghosfru w ma jigux rintraccjati. Ghalhekk hemm lok ghall-emenda fil-ligi jew ghall-arrangament amministrattiv differenti minn dak prezenti.

Sadattant u sakemm dan isir, il-Qrati ser jibqghu jigu rinfaccati b' investigazzjonijiet monki li ma jwasslux sal-grad tac-certezza morali li trid tilhaq il-prosekuzzjoni fil-process kriminali.

F'dan il-kaz il-provi mhumiex konklussivi li kien hemm xi kuntratt ta' impieg bejn is-socjeta' rapprezentata mill-appellant u dan l-istrangier li nstab fil-*workshop* taghha w il-provi indizjarji, ghalkemm qawwija, mhumiex univoci biex jistabilixxu dan.

Ghalhekk f'dan l-istat tal-provi, l-aggravju tal-appellant jidher gustifikat u qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur responsabbli mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig ghall kull azzjoni opportuna li jidhirlu li ghandu jiehu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------